MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 294/2010

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs**

**Sunderlands Online Limited (C38141)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Awwissu 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef mitejn tlieta w ghoxrin Ewro w sitta w ghoxrin centesmu (€5223.26) rapprezentanti prezz ta' servizzi u prodotti pprovduti lilha abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide Dok A u Dok B).

Is-socjeta' intimata, minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru w Mandat ta' Qbid kawtelatorji, pprezentati kontestwalment u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata fl-indirizz moghti fir-rikors promotur nhar id-19 ta' Novembru 2010 fl-ghassa tal-pulizija tal-Gzira, w il-Kunsill Lokali tal-Gzira fl-istess jum, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datati 19 ta' Novembru 2010 (fol 7 tergo).

Rat illi is-socjeta' konvenuta giet ukoll notifikata b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-23 ta' Novembru 2010 (fol. 14) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar il-5 ta' Jannar 2011.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2011 is-socjeta konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef mitejn tlieta w ghoxrin Ewro w sitta w ghoxrin centesmu (€5223.26) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------